MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1658/2001/1

**Raymond Vella & Co. Ltd.**

**-vs-**

**1. Victor Vella**
**2. Stones Company Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-17 ta' Ottubru, 2001 li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi fl-1 ta' Ġunju 1998 is-soċjeta' attriċi ġiet inkarigata teżegwixxi kuntratt ta' appalt fil-Hotel Mediterranea, San Pawl il-Baħar għall-eżekuzzjoni ta' dawk ix-xogħlijiet deskritti u regolati taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li ġew, *inter alia*,

elenkati fl-iskrittura hawn esebita bħala ‘Dokument A’ u fid-dokumenti hemm imsemmija;

Illi l-konvenuti għadhom ħallsu biss in parti l-prezz tax-xogħlijiet li ġew debitament ikkompletati mis-soċjeta’ attriċi u ċertifikati mill-konsulenti tekniċi mqabbda mill-konvenuti (Dokument ‘B’);

Illi għalhekk il-konvenuti għadhom debituri tas-soċjeta’ attriċi fis-somma ta’ għaxart elef, ħames mija u ħamsa u disgħin liri Maltin u erbgħa u sittin ċenteżmi (Lm10,595.64), rappreżentanti l-bilanċ tal-valur tax-xogħlijiet esegwiti mis-soċjeta’ attriċi fuq l-inkarigu u għall-benefiċċju tal-istess konvenuti, kif jirriżulta mill-prospett esebit bħala Dokument ‘C’;

Illi *nonostante* interpellati diversi drabi, anke permezz ta’ żewġ ittri uffiċjali datati l-11 ta’ Settembru, 2000 u t-30 ta’ Awissu, 2001, u debitament notifikati fl-14 ta’ Settembru, 2000 u fl-1 ta’ Settembru, 2001 rispettivament, il-konvenuti baqgħu inadempjenti mingħajr ebda raġuni jew eċċezzjoni valida;

Għalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex;

1. tikkundanna lill-konvenuti, in solidum bejniethom jew lil min minnhom, sabiex iħallsu lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ għaxart elef, ħames mija u ħamsa u disgħin liri Maltin u erbgħa u sittin ċenteżmi (Lm10,595.64), jew somma oħra verjuri li tiġi likwidata minn dina l-Qorti okkorrendo bl-opera ta’ esperti nominandi, rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz pattwit għax-xogħlijiet esegwiti mis-soċjeta’ attriċi fuq l-inkarigu u għall-benefiċċju tal-istess konvenuti;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta’ l-ittri uffiċjali tal-11 ta’ Settembru, 2000 u tat-30 ta’ Awissu, 2001 u tal-Mandat

kawtelatorju ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment, u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data li fiha tlestew ix-xogħlijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti illi minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' attriċi maħlufa minn Raymond Vella, I.D. No. 171957(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fl-20 ta' Diċembru, 2001 li permezz tagħha eċċepew;

1. Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż u dana stante illi mhux minnu illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fis-somma mitluba, iżda l-bilanċ li għadu dovut mill-konvenuti jammonta għas-somma ta' elf, sitt mija, tnejn u tmenin lira u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm1,682.29), u dana ai termini tal-kalkoli illi saru mill-konsulenti tekniċi tal-konvenuti.

2. Salv eċċezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbali tas-seduti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju, 2006 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat il-verbali sussegwenti u l-atti proċesswali kollha kompriżi n-noti ta' l-osservazzjonijiet.

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawża saret minħabba nuqqas ta' qbil dwar interpretazzjoni ta' kuntratt ta' appalt (Dok A) bejn il-partijiet li bih is-soċjeta' attriċi kellha tagħmel xi xogħolijet

għall-konvenuti. Il-klawsola li qajjmet id-disgwid hija dik li ġġib in-numru 5 illi tgħid;

“*The price of the above works shall be the sum of Lm82,131.31 in accordance with the attached bills of quantity. The above price includes for* (sic) *dismantling of all existing services in rooms and shafts and includes a one time discount of Lm9,000.*”

Is-soċjeta’ attriċi qed issostni illi billi l-valur tax-xogħol effettivament tnaqqas mill-konvenuti għal somma inferjuri għal dik oriġinarjament pattwita, l-iskont ta’ disat elef Lira Maltin (Lm9,000) ma kienx applikabbli. Il-konvenuti jikkontestaw dan u infatti eċċepew li s-somma minnhom dovuta kienet ta’ elf, sitt mija u tnejn u tmenin Lira Maltin u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm1,682.29) illi effettivament tħallset fil-mori tal-kawża (ara affidavit ta’ Raymond Vella a fol 27).

Barra l-imsemmi affidavit li jibda a fol 25, is-soċjeta’ attriċi esebiet affidavit ta’ Rita Borg, segretarja esekuttiva ta’ l-istess, illi kkonfermat li t-tnaqqis ta’ disat elef Lira Maltin (Lm9,000) kien marbut mal-prezz pattwit u allura ma kienx hemm lok ta’ l-istess skont jekk il-prezz originali ma ntlaħaqx minħabba t-tnaqqis li sar mill-konvenuti tax-xogħlijiet in kwistjoni.

Xehdu Oliver Aquilina u Anthony Cutajar, żewġ enġiniera nkarigati mill-konvenuti biex jagħmlu l-qisien u l-kalkoli (fol 37 *et sequitur*). Ta’ l-ewwel iffirma d-dokument esebit maċ-ċitazzjoni illi jgħid li l-iskont ma kienx japplika. Cutajar da parti tiegħu jidher li kien involut mill-bidu tad-diskussjonjiet u li rrediġa l-ftehim ammetta li l-kliem użati ma kinux feliċi u ma ffirmax id-dokument li għadu kif issemma għax kien imsiefer. A fol 66 wasal biex aċċetta li anke l-konvenuti kienu aċċettaw meta saru diskussjonijiet meta qamet il-kwistjoni, illi l-iskont kien marbut ma’ l-ammont. Meta reġa’ xehed a fol 72 *et sequitur* u preċisament a fol 82 qal li normalment il-valur imsemmi fil-kuntratt ikun dejjem wieħed indikattiv lill-klijent tagħhom biex il-valur ma jinqabiżx. Skond hu, f’dawn it-tip ta’ kuntratti l-iskont ikun wieħed proporzjonat. Reġa’ xehed

ukoll a fol 123 *et sequitur*. Is-soċjeta' attriċi ppreżentat prospett finali a fol 143.

Il-konvenut Vella ippreżenta affidavit a fol 238 fejn spjega tajjeb kif kien sar l-iskont; ħamest elef Lira Maltin (Lm5,000) bħala skont veru u proprju, rinunzja għal elfejn u tmien mitt Lira Maltin (Lm2,800) għal ħlas tax-xogħol ta' żmuntar (*dismantling*) u sitt mitt Lira Maltin (Lm600) varjazzjonijet ta' prezz ta' xi oġġetti u sitt mitt Lira Maltin (Lm600) oħra prezz tal-pjanti għaliex ġie miftiehem li dawn ma jiġux ippreżentati lis-soċjeta' konvenuta. Jgħid illi meta fil-kuntratt ingħad li kien inkluż il-prezz ta' *dismantling*, fir-realta' dan ma kienx inkluż fit-*tender*.

Kif wieħed faċilment jinduna il-kwistjoni nqalgħet għaliex il-ftehim ma ġiex redatt minn persuna b'konoxxenza tal-liġi. Wieħed jista' addirittura jgħid illi l-klawsola in kwistjoni lanqas tinftiehem tajjeb hlief fil-fatt li kellhu jkun hemm skont globali ta' Lm9000.  Għandhu jingħad li fil-mori tal-kawża il-partijiet qablu li l-valur globali tal-kuntratt kien ta' kwazi Lm76, 000 (xhieda ta' l-imsemmi Anton Cutajar u Saviour Cortis, kontrollur finanzjarju tas-soċjeta' konvenuta).

Ma hemmx kwistjoni illi l-kuntratt ma jorbotx l-iskont ma' xi prezz u s-soċjeta' attriċi qed tibbaża t-talba tagħha mhux tant fuq dak li nkiteb iżda fuq dak illi ma nkitibx  fil-kuntratt iżda li kienet fl-intenzjoni tal-partijiet. Il-Qorti tħoss li għandha tagħti piż l-iktar għax-xhieda taż-żewġ inġiniera illi għalkemm inkarigati mill-konvenuti, xehdu b'mod distakkat. Huwa veru li meta għamlu d-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni ma kinux ikkonsultaw mal-klijent iżda l-kliem imsemmija *the discount is not applicable* ma vvintawhomx huma.

Huwa naturali li skont ikun marbut ma' prezz u dan il-prinċipju l-Qorti qed taċċettah bħala konswetudni kummerċjali f'kuntratti ta' dan it-tip anke fuq l-iskorta tax-xhieda imsemmija. Kieku għall-grazzja ta' l-argument il-prezz ġie dimezzat żgur ma kienx ikun ġust li japplika l-

iskont kollu għax il-kuntrattur jispiċċa jaħdem bla qligħ. Bl-istess argument pero’ il-Qorti ma tħossx lanqas li tnaqqis ta’ inqas minn kwint tax-xogħol (minn wieħed u disgħin elf Lira Maltin <Lm91,000> għal sitta u sebgħin elf

Lira Maltin <Lm76,000>) awtomatikament ifisser li l-iskont għandu jintilef kollu. Hu kif inhu mqassam l-iskont, is-soċjeta’ attriċi kienet aċċettat li tieħu disat elef Lira Maltin (Lm9,000) inqas mill-prezz globali pagabbli; jekk allura l-prezz tnaqqas anke l-iskont għandu jonqos b’rata relattiva u għalhekk il-Qorti, *arbitrio bonii viri* u tenut kont ta’ kollox, se tilqa’ t-talba attriċi iżda limitatament għas-somma ta’ elfejn Lira Maltin (Lm2,000).

Billi jidher li l-kuntratt sar għan-nom tas-soċjeta’ konvenuta l-konvenut personalment għandu jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti fil-waqt li tillibera lill-konvenut personalment mill-osservanza tal-ġudizzju, tilqa’ t-talba attriċi kif spjegat u tikkundanna lis-soċjeta’ konvenuta tħallas lil dik attriċi s-somma ta’ elfejn Lira Maltin (Lm2,000) oltre imgħaxjiet legali mil-15 ta’ Settembru, 1999 u cioe’ meta kien tlestew ix-xogħlijiet; fiċ-ċirkostanzi billi anke sar pagament fil-mori tal-kawża li kien messu sar qabel, l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------